**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 523/2018 AF**

**Michael Attard Imports Limited (C-34433)**

**vs**

**Graziella Bezzina**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Michael Attard Imports Limited li pemezz tieghu, wara li gie premess illi:

Il-konvenuta kienet accettat u ffirmat a favur tas-socjetà attrici diversi kambjali.

Il-konvenuta tinsab debitrici lejn is-socjetà attrici fis-somma ta' sittax-il elf hames mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€16,522.46) rapprezentanti bilanc ta' import ta' seba u tmenin (87) kambjala skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenuta.

Il-konvenuta giet interpellata sabiex thallas dan id-debitu però baqghet inadempjenti.

Dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjetà attrici il-konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' sittax-il elf hames mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€16,522.46) rapprezentanti bilanc ta' import ta' sebgha u tmenin (87) kambjala skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenuta, bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-iskadenza, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru 802/18 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 801/18, kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet xhud viva voce.

Ikkunsidrat illi l-intimata Graziella Bezzina ma ghandha ebda eccezzjoni valida xi tressaq ghal kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Graziella Bezzina thallas lis-socjetà attrici is-somma ta' sittax-il elf hames mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€16,522.46) rapprezentanti bilanc ta' import ta' sebgha u

tmenin (87) kambjala skaduta, bl-imghaxijiet ulterjuri u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallas minn Graziella Bezzina.

IMHALLEF

DEP/REG